# Stqarrija

## Kaċċatur iffilmjat jispara fuq qatgħa ta' Agretti Sofor protetti fil-kosta taż-Żonqor; l-EPU jaqbdu lis-suspettati

Kaċċatur ġie ffilmjat jispara fuq qatgħa ta' Agretti Sofor protetti tul il-kosta taż-Żonqor ilbieraħ filgħodu, u qatel tliet għasafar. L-inċident ġie osservat u dokumentat minn tim ta' BirdLife Malta, li minnufih informa lill-Pulizija. Tim tal-Environmental Protection Unit (EPU) wieġeb għas-sejħa u qabad żewġ individwi hekk kif kienu qed jippruvaw jirkupraw l-għasafar maqtula.

L-inċident seħħ fil-Park tal-Inwadar, bejn ix-Xgħajra u Marsaskala. Tim ta' BirdLife Malta stazzjonat fiż-żona lemaħ qatgħa ta' madwar 30 Agrett Isfar jistrieħu max-xatt. Waqt li kien qed jagħmel monitoraġġ ta' din il-qatgħa ta' Agretti mill-bogħod, it-tim osserva vettura riesqa mid-direzzjoni taż-Żonqor b'żewġt irġiel fiha. Wieħed minnhom niżel mill-vettura b'senter u mexa lejn l-Agretti.

BirdLife Malta minnufih ikkuntattjat lill-Pulizija fuq 119 u talbet l-assistenza tal-EPU. Waqt li t-tim kien għadu f'kuntatt mal-kamra tal-kontroll tal-Pulizija, il-kaċċatur spara żewġ tiri lejn l-Agretti. Żewġ Agretti Sofor inqatlu u waqgħu fil-baħar, filwaqt li t-tielet Agrett indarab u daħal max-xatt. It-tieni individwu sussegwentement fittex l-għasfur ferut u gerxu, u wara l-kaċċatur ġie osservat jispara għal darb'oħra lejh. L-Agrett miet aktar tard minħabba l-ġrieħi li ġarrab.

Unit tal-EPU wasal fuq il-post waqt li ż-żewġ individwi kienu qed jippruvaw jiġbru l-għasafar. Dgħajsa tal-EPU li assistiet fl-operazzjoni rkuprat iż-żewġ Agretti Sofor mejta mill-baħar, filwaqt li t-tielet għasfur ġie rkuprat ukoll bħala evidenza. Huwa mifhum li ż-żewġ individwi ser jiffaċċjaw proċeduri b'rabta ma' dan l-inċident.

BirdLife Malta tfaħħar l-intervent f'waqtu tal-uffiċjali tal-EPU fuq l-art u fuq il-baħar, li wassal biex is-suspettati jinqabdu waqt li kienu għadhom fuq il-post. L-inċident għal darb'oħra juri kif xi individwi jisfruttaw l-istaġun tal-kaċċa għall-fenek li bħalissa huwa miftuħ biex jisparaw lejn speċi protetti li mhumiex

legalment kaċċabbli, u jaġixxu apposta u b'impunità fid-dawl tax-xemx tul medda ta' kosta popolari.

"Dak li rajna lbieraħ kien inċident serju ħafna ta' kaċċa illegali. Qatgħa ta' gasafar protetti jistrieħu fuq il-kosta huma perċepiti bħala xi ħaġa kaċċabli minn kaċċatur żagħżugħ li, taħt il-kopertura ta' liċenzja għall-kaċċa tal-fenek, joqtol bl-intenzjoni li jiġbor dawn l-għasafar biex jibbalzmahom. Dan kollu fid-dawl tax-xemx, mingħajr biża' li jinqabad jew mill-pieni," qal Nicholas Barbara, Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta.

"Infaħħru lill-uffiċjali tal-EPU talli wieġbu għas-sejħa u qabdu lill-individwi involuti. Dan huwa eżattament kif għandu jkun infurzar effettiv. Madankollu, huwa ċar li hemm bżonn ta' infurzar aktar b'saħħtu u pieni sinjifikanti sabiex ikunu ta' deterrent għal inċidenti bħal dawn, aktar milli sempliċement nirrapportawhom wara li l-għasafar ikunu nqatlu."

L-inċident seħħ ftit jiem wara li l-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, li huwa responsabbli wkoll mill-kaċċa u l-insib, ħabbar li talab liċ-Chairman tal-Kumitat Ornis biex jiddiskuti emendi leġiżlattivi. Il-Ministru qal li dawn l-emendi għandhom l-għan li jiżguraw li l-liġijiet ta' Malta jibqgħu rilevanti, ikunu allinjati mal-leġiżlazzjoni Ewropea u jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità.

BirdLife Malta tinsisti li kwalunkwe riforma għandha ssaħħaħ, u mhux iddgħajjef, l-effett deterrenti tal-leġiżlazzjoni li tipproteġi l-għasafar selvaġġi. L-interċettazzjoni b'suċċess tal-bieraħ kienet possibbli biss minħabba li uffiċjali ta' BirdLife Malta kienu preżenti, dokumentaw l-inċident u minnufih infurmaw lill-Pulizija. Mingħajr il-preżenza tagħhom, l-għasafar setgħu jinqatlu u jinġabru mingħajr ma l-inċident qatt jasal għall-attenzjoni tal-awtoritajiet.

Il-passa tal-ħarifa lejn il-kontinent Afrikan diġà bdiet u aktar speċi migratorji mistennija jaslu fil-ġimgħat li ġejjin. BirdLife Malta tħeġġeġ lil kull min jara kaċċa illegali jew attività suspettuża ta' kaċċa tul il-kosta biex minnufih jikkuntattja lill-Pulizija fuq 119 u jitlob li jkun konness mal-EPU. L-istaġun legali tal-kaċċa għall-għasafar jiftaħ fl-1 ta' Settembru.

Ir-rapporti jistgħu jsiru wkoll lil BirdLife Malta fuq 2134 7645, jew fuq 7925 5697 barra l-ħinijiet tal-uffiċċju.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta

Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/